VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,545, 11 ta' Marzu, 2016
Taqsima B

A.L. 72 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 6 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jisssejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura, ippubblikati bħala Avviż Legali 208 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti li għandhom il-Higher National Diploma in Hospitality Management jew il-Higher National Diploma in Tourism Studies mogħtija mill-Institute of Tourism Studies (Malta), jew xi kwalifiki simili, jistgħu jidħlu fit-Tieni Sena tal-Kors taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi."